FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Frar, 2002

**Numru 15**

**Avviz. numru 1693/01JR**

**Avukat Simon Galea Testaferrata f'isem is-socjeta` estera EMAFYL (Robobond Limited) ta' l-Ingilterra**

**vs**

**Ruggier Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u tlett centezmi (Lm426.03), u fejn intqal:**

**Illi s-socjeta` konvenuta tigi ordnata thallas lill-attur nominee s-somma ta' 660.34 lira Sterlina, ekwivalenti ghal erba' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija**

**u tlett centezmi (Lm426.03) jew somma ohra verjuri, rapprezentanti bilanc fuq bejgh ta' merkanzija, debitament ikkonsenjata lis-socjeta` konvenuta.**

**Bl-imghaxijiet legali, u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati 19 ta' Ottubru, u 2 ta' Novembru, 2001.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub kien ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u tlett centezmi (Lm426.03), bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Dicembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati 19 ta' Ottubru, u 2 ta' Novembru, 2001, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**